



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 17 ta' Frar 2020
(OR. en)

5992/20

COAFR 52
CFSP/PESC 115
RELEX 109
DEVGEN 20
COHOM 14
COHAFA 6

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Iż-Żimbabwe - Konklużjonijiet tal-Kunsill (17 ta' Frar 2020)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar iż-Żimbabwe, kif adottati mill-Kunsill fit-3747 laqgħa tiegħu tas-17 ta' Frar 2020.

Iż-Żimbabwe**- Konklużjonijiet tal-Kunsill -**

1. Iż-Żimbabwe għaddej minn kriżi pluridimensjonali, fit-tul u profonda. Madankollu, it-transizzjoni fiż-Żimbabwe ħolqot opportunitajiet għal riformi ekonomiċi u politiċi li l-Gvern li kien għadu kif ġie elett impenja ruħu li jimplementa. L-Unjoni Ewropea (UE) tibqa' lesta li tappoġġa dawn il-politiki, kif issottolinjat fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill adottati fit-22 ta' Jannar 2018. It-teħid tal-opportunitajiet għal trasformazzjoni reali jiffaċilita l-passi lejn involviment mill-ġdid aktar profond tal-UE, ibbażat fuq impenji reċiproċi u valuri komuni f'konformità mal-Aġenda 2030, u ffokat fuq id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija, il-governanza u l-istat tad-dritt.
2. L-UE hija impenjata abbażi tal-istess aġenda tal-Gvern, f'konformità mal-Kostituzzjoni taż-Żimbabwe tal-2013, kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet kemm tal-Kummissjoni Motlanthe dwar il-vjolenza postelettorali kif ukoll tar-Rapport Finali tal-Missjoni ta' Osservazzjoni Elettorali tal-UE għaż-Żimbabwe. L-UE tilqa' t-tkomplija ta' djalogu politiku formali fl-2019, bħala pass lejn relazzjoni aktar kostruttiva bejn l-UE u ż-Żimbabwe.
3. Madankollu, in-nuqqas ta' riformi sostanzjali, it-tnaqqis ulterjuri tal-ispazju demokratiku u l-korruzzjoni kkontribwixxew għall-kriżi umanitarja attwali li dejjem sejra għall-aġar u għas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali.
4. L-UE tappella lill-gvern biex iħaffef il-proċess ta' riforma politika u ekonomika bħala kwistjoni urġenti, għall-benefiċċju tal-popolazzjoni tiegħu. L-awturi ta' ksur u abbużi tad-drittijiet tal-bniedem għandhom jitressqu malajr quddiem il-ġustizzja u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni ta' Inkjesta Motlanthe għandhom jiġu implimentati mingħajr aktar dewmien. Barra minn hekk, djalogu nazzjonali inklużiv huwa essenzjali biex jinstabu soluzzjonijiet strutturali u dejjiema għall-isfidi li qed jiffaċċa ż-Żimbabwe.

5. Governanza politika u ekonomika soda hija kruċjali biex tittejjeb il-klima kummerċjali u tal-investiment fiż-Żimbabwe u biex jinkisbu tkabbir u żvilupp ekonomiċi inklużivi u sostenibbli. Il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika, applikat sa mill-2012, għadu xprunatur biex jattira kemm investiment barrani kif ukoll dak domestiku.
6. Bħalissa, iż-Żimbabwe qed jesperjenza kriżi umanitarja gravi, inkluża emerġenza severa fis-sigurtà alimentari li kompliet sejra għall-aġġornament minħabba t-tibdil fil-klima. L-UE qed tappoġġa lill-poplu taż-Żimbabwe f'diversi setturi, bħall-iżvilupp ekonomiku, il-kura tas-saħħa primarja, it-tisħiħ tar-reżiljenza, kif ukoll permezz ta' għajjnuna umanitarja. Għal dan il-għan, mill-2019 l-UE żiedet l-appoġġ tagħha b'mod sostanzjali.
7. L-UE ddeċidiet li ġġedded l-embargo tagħha fuq l-armi u li żżomm iffriżar tal-assi mmirat kontra kumpannija waħda, Zimbabwe Defence Industries, għal sena, b'kont meħud tas-sitwazzjoni fiż-Żimbabwe, inkluż ir-rwol allegat tal-forzi armati u ta' sigurtà f'abbużi tad-drittijiet tal-bniedem li għad irid jiġi investigat. Il-miżuri restrittivi kontra erba' individwi huma sospiżi. L-embargo fuq l-armi, kif ukoll l-iffriżar tal-assi kontra Zimbabwe Defence Industries, ma jaffettwawx l-ekonomija taż-Żimbabwe, l-investiment dirett barrani, jew il-kummerċ. Dawn huma motivati mill-intenzjoni tal-UE li tħeġġeġ it-turija ta' impenn mill-awtoritajiet taż-Żimbabwe biex jirrispettaw l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem.
8. L-UE tinsab lesta biex fi kwalunkwe mument tirrieżamina l-firxa sħiħa tal-politiki tagħha, meta jkun ġustifikat, abbażi tal-iżviluppi fil-pajjiż. L-UE ser tfittex li żżid il-kollaborazzjoni mas-sħab internazzjonali, b'mod partikolari l-Unjoni Afrikana, l-SADC u l-pajjiżi membri tagħha, u l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, li jista' jkollhom rwol ewlieni billi jappoġġaw liż-Żimbabwe biex ikun jista' jsir dialogu inklużiv u biex jitħaffef il-progress fir-riformi.